MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 782/2007

**Vicki Anastasi (I.D. 163302L) ghan-nom u in rapprezentantza ta’ San Anton School**

**-vs-**

**Silvio u Ann Marie konjugi Grech**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attrici nomine talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma t’elf, disa’ mija u tnax-il euro u tnejn u erbghin centezmu (€1,912.42) - (Lm821) rapprezentanti arretrati ta’ mizati ghal servizzi ta’ taghlim debitament ipprestati lilhom. Bl-imghax legali mid-data tas-servizz u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Frar, 2007 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi t-talbiet huma nfondati kemm bhala fatt u kif ukoll bhala dritt stante li l-atturi ma taw l-ebda servizz ta' taghlim lit-tfal tal-esponenti ghax l-istess tfal m'attendewx l-iskola u dan il-fatt gie ikkomunikat lilhom direttament. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema' x-xhieda ta' Vicki Anastasi u ta' Silvio Grech u Marion Zammit.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konjugi Grech ghandhom zewgt itfal, Michele u Gabriele, li kienu jmorru l-iskola ta' San Anton u kienu ilhom imorru din l-iskola ghal diversi snin.

It-talba odjerna tikkoncerna l-mizata dovuta ghat-tielet term tas-sena skolastika 2005/2006. Il-konvenuti qieghdin isostni illi fl-Ghid, cioè qabel ma beda dan it-tielet term, huma avzaw l-iskola li t-tfal mhux ser jattendu aktar u ghalhekk jikkontendu li m'ghandhomx ihallsu ghal din l-ahhar term. L-iskola attrici da parti taghha ssostni illi hija ma gietx informata li t-tfal mhumiex ser jattendu u konsegwentement qieghda tinsisti li ghandu jsir il-hlas.

It-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' lil Vicki Anastasi u huwa konvint li hija ma kinitx giet informatha li t-tfal ma kienux ser jattendu l-iskola. Mill-banda l-ohra però, rrizulta illi Silvio Grech kien cempel l-iskola u halla risposta ma wahda mis-segretarji però ma jiftakarx min hi. Huwa ma kitibx u lanqas ma rega' ikkomunika mal-iskola.

It-Tribunal jinnota illi meta l-konvenut kellu xi lment mal-iskola huwa ma hasibiex darbtejn biex jikteb tant illi fil-process hemm ittra bid-data tat-22 ta' Frar, 2006 miktuba minnu lill-iskola fejn qed jilmenta dwar ir-rizultati tat-tifel tieghu Gabriele. Kif kiteb din l-ittra, facilment seta' kiteb ittra ohra biex jinforma lill-iskola b'mod formali li t-tfal tieghu ma kienux ser ikomplu jattendu din l-iskola. Dak iz-

zmien il-konvenuti Grech kienu ghaddejjin minn process ta’ separazzjoni personali u l-kura u kustodja giet afdata lill-mara. Il-mara ma xehditx f’din il-kawza. Wiehed ma jistax jinjora l-fatt illi fil-bidu tas-sena skolastika, l-iskola hija obbligata li tipprovdi ghall-edukazzjoni tat-tfal li ser jattendu ghal dik l-iskola ghas-sena skolastika shiha u naturalment, meta huma jallokaw il-klassijiet, l-ghalliema u jaghmlu provision ghal dak li hija tenuta obligata taghmel skola, hija taghmel hekk ghal sena skolastika shiha u mhux *term* b’*term*, izda flok tezigi hlas ta’ sena annwali mill-ewwel, il-hlas jigi maqsum permezz ta’ tliet pagamenti, wiehed ghal kull term. Fil-fatti die stabbili li d-*due date* hija hmistax-il gurnata qabel ma jibda t-*term*.

L-iskola qieghda ssostni illi hija ma tiehux risposti simili bit-telefon. It-Tribunal jidhirlu illi dan l-attegjament huwa ragonevoli. Jidhirlu li jekk l-genituri ma jkunux iridu jibghatu lit-tfal aktar fi skola partikolari ghandhom jaghmlu dan bil-miktub jew almenu b’mod aktar formali, izda dan ma sarx.

It-Tribunal huwa tal-fehma anke jekk jigi koncess li verament saret t-telofonata mill-konvenut, l-iskola ghandha kull ragun li tirrifjuta li taccetta talba simili permezz tat-telefon ghaliex bit-telefon wiehed ma jkunx jaf ezattament ma min qed jitkellem u taht liema cirkostanzi. In oltre, kif effettivament afferma l-konvenut meta xehed, lanqas biss setgha jikkonferma ma min halla r-risposta.

It-tfal tal-konvenut kienu fl-età meta l-edukazzjoni skolastika hija obbligatorja tant li jekk ifallu minghajr raguni valida, l-iskola hija obligata tirraporta dan l-fatt lill-awtoritajiet edukattivi. Fil-kaz odjern hekk gara u certament dan l-avviz ma kienx jintbaghat kieku t-tfal ma kienux aktar registrati mal-iskola attrici.

Premess dan kollu però, mill-banda l-ohra t-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi ghal term shih dawn iz-zewgt itfal m’attendewx l-iskola u ma saret l-ebda prova biex turi li l-iskola ghamlet xi haga biex tikkomunika mal-konvenut biex tara x’gara minkejja l-fatt illi qabel dan l-akkadut, dawn iz-zewgt itfal kellhom storja ta’ nuqqasijiet regolari

t'attendenza. Huwa minnu illi l-principal tal-iskola, is-Sur Pisani, ipprepara zewg rapporti ta' kemm il-gurnata naqsu milli jattendu t-tfal izda dawn ir-rapporti m'ghandhomx data u dan it-Tribunal ma jafx meta inkitbu.

Dan n-nuqqas ta' kommunikazzjoni mill-iskola setgha serrah lill-konvenut fil-hsieb li t-talba taghhom giet debitament accettata u indirizzata, konkluzzjoni li llum l-gurnata tirrizulta li kienet zbaljata.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess it-Tribunal ihoss illi ghandu juza l-gudizzju tieghu ekwitattiv billi jirrizulta minghajr dubju illi l-konvenuti ma hadux is-servizzi li taghhom l-iskola attrici qieghda tippretendi l-hlas u mis-somma mitluba jidhirlu li ghandu jkun hemm riduzzjoni ta' terz biex b'hekk mill-ammont mitlub t'elf, disa' mija u tnax-il euro u tnejn u erbghin centezmu (€1,912.42) - (Lm821) is-somma ghandha tigi likwidata ghal hames mija u sebgha u erbghin lira maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm547.33c) ekwivalenti ghall-elf, mitejn u erbgha u sebghin euro u erbgha u disghin centezmu (€1,274.94). Il-premess ghandu jkollu rifless anke fuq il-kap tal-ispejjez u stante li s-somma qieghda tigi likwidata permezz tas-sentenza odjerna, l-imghaxijiet jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-iskola attrici s-somma t'elf, mitejn u erbgha u sebghin euro u erbgha u disghin centezmu (€1,274.94) - (Lm547.33c) bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez ikunu zewg terzi (2/3) ghall-attrici u terz (1/3) ghall-konvenuti.

Dr Peter Borg Costanzi
Aggudikatur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------